MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru 150/2005

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Sarhan Walid Mohamed Hassan** ta’ 30 sena, bin Mohammed u Megda *nee’* Abas, imwieled Egittu fit-3 ta’ Gunju, 1974, residenti Flat 3/25, ‘Sea Breeze’, Triq l-Irmigg, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita numru 24911A;

Talli f’dawn il-Gzejjer gewwa Naxxar Trade Fair Grounds, fit-12 ta’ Dicembru, 2003, u fil-granet u ix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda;

1. Iffalsifikajt jew biddilt, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjenetement ghamilt uzu ta’ sinjali, tabelli, jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija jew xjentement

qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zammejt ghandek ghal bejgh jew importajt ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe' mobile covers u xi arloggi tad-dita Nike u Manchester United u dan bi ksur tal-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt, jew b'mod iehor ipproducejt, jew ikkopjajt, jew bieghejt, jew mod iehor offrejt ghall-bejgh jew biex jitqassm, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f'kaz ta' htija, thassar il-Licenzji jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontmeplat fl-artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabie fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u disturzzjoni tal-oggetti kollha esebiti;

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz ikun trattat u deciz tal-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza;

Stante l-ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati.

Rat l-art. 298 (1) (a) (b) (c) (f), 298B tal-Kap 9 u 72 (1) tal-Kap 416.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Minflok li tikkundannah il-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena (1) mil-lum u dan ai termini tal-art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------